# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, il-21 ta' Mejju, 2025

Avviz tat-Talba numru: 248/2024 CL

**Elmo Insurance Limited (C3500) f'isimha stess u bhala surogata bil-polza u bid-drittijiet tal-assikurat taghha Valeriia Yevgeniyivna Debono u l-istess Valeriia Yevgeniyivna Debono**

**VERSUS**

**Is-Sindku Kaylon Zammit (KI nru: 208297M) u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg (KI nru: 550474M) ghan-nom tal-Kunsill Lokali Pembroke**

Ra t-talba li giet ipprezentat fil-11 ta' Settembru 2024 fejn is-socjeta rikorrenti Elmo Insurance Limited talbet sabiex il-Kunsill Lokali Pembroke jigi iddikjarat responsabbli ghal-hsarat rizultat ta' incident li sehh fit-23 ta' Frar 2024 waqt illi Pierre Debono kien qieghed jsuq il-vettura bin-numru JPD214 propjeta ta' Valeriia Yevgeniyivna Debono fejn dahal f'toqba u faqa' tyre gewwa Pembroke. B'hekk talab sabiex il-kunsill lokali jigi ikkundanat jhallas d-danni fl-ammont ta' €550, flimkien mal-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Gunju 2024.

Ra r-risposta li giet ipprezentata fil-31 ta' Ottubru 2024 fejn preliminajament kienu qeghdin jikkontestaw it-talba bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u li m'hemm ebda prova konklussiva illi l-allegati danni mertu ta' din il-kawza gew ikkawzati mill-kunsill lokai jew li jistghu jkunu responsabbli ghalihom ghax qatt ma gew ipprovduti b'dokumentazzjoni biex jkunu jistghu jikkontestaw il-provi. Lanqas ma jista' jigi allegat li l-Kunsill kien b'xi mod negligenti jew b'xi mod wettaq xi nuqqas li minhabba fih setghu irrizultaw l-allegat hsarat, liema quantum tad-danni ukoll qieghed jigi ikkuntestat. Ghaldaqstant it-talbiet ghandhom jigi michuda bl-ispejjez.

Fit-13 ta' Novembru 2024 xehed George Stagno Navarra illi ipprezenta Dok GSN1 li juri l-vettura Volvo bin-numru JPD214 kienet assikurata mal-Elmo Insurance f'isem Valeriia Yevgeniyivna Debono bejn l-1 ta' Novembru 2023 u l-31 ta' Ottubru 2024, ipprezenta survey report Dok GSN2 u rcevuta tat-tyre Dok GSN3.Fid-9 ta' Dicembru 2024 xehed Pierre Debono li spjega illi dakinhar kienet niezla' hafna xita waqt illi kien qieghed jsuq fit-triq gewwa Pembroke u

kien tiela' camper in-naha l-ohra u b'hekk kellu jersaq aktar fuq in-naha tax-xellug tat-triq biex jghaddi l-camper. Hu hass xi haga u mill-ewwel telghat warning li kien hemm tyre mnizzel. Ghal bidu haseb li kellu puncture imma imbaghad induna li kien faqa' t-tyre u ghalhekk kellu jinbidel li kien €550. L-ghada mar u ha r-ritratti tat-toqob fit-triq, ghax il-gurnata qabel ma setghax jarhom bix-xita u mar il-kunsill li bghatu ghand l-insurance.Wara jumejn ghattew it-toqob bit-tarmac. Ikkonferma l-ircevuta li kien hemm a foll. 20.

Fit-18 ta' Frar 2025 il-Kunsill Lokali ipprezenta l-affidavit tas-segretaju Ezekuttiv Kevin Borg li kien ilu f'din il-kariga ghal tmienja u ghoxrin sena, fis-7 ta' Marzu kien mar Pierre Debono li allega li fit-23 ta' Frar 2024, saritlu hsarat fil-karozza minhabba fil-kundizzjoni tat-triq f'Pembroke u ipprezenta rapport li kien ghamel u talab il-kumpens. Hu informa lil Pierre Debono li f'kazijiet bhal dawn huma jitolbu ritratt bid-data u l-hin li juri fejn sehh l-incident, site plan immarkata bil-post fejn sehh l-incident, kopja tal-polza, kopja tal-licenzja tas-sewqan, kopja tal-insurance claim u kopja tar-rapport tal-pulizija li ghandhom jaslu ghand il-kusill sa 48 siegha wara l-incident. Ghalkemm Pierre Debono kien ha xi dokumenti ohra, izda l-kunsill ma kellux ic-certezza li l-hsarat kienu ikkawzati bil-hofra u b'hekk ma setax jhallas kumpens. Zewg ritratti juru hofra u t-tielet ritratt persuna qieghed jiehu hsieb tyre, Dok KB1 u m'hemmx data jew hin indikat u ma kinitx niezla xita allura ma ittiehdux dakinhar tal-incident.Il-fatt li l-vettura kompliet tinstaq il-hsara kompliet tizdied. Ghalkemm il-hsara saret fin-naha tax-xufier il-hofra tidher fin-naqa tal-passigier.Hu ipprezenta l-opinjoni tal-Ombudsman li tistabilixxi procedura kif il-kunsill ghandha tindirizza talbiet simili Dok KB3 u KB4.

Rat in-Nota ta' Sottomisjonijiet tal-partijiet.

**Ikkonsidrat**

Illi mill-atti jirrizulta illi Pierre Debono kien ghaddej minn Pembroke bil-vettura tal-mara tieghu, li hija assikurata mas-socjeta attrici. Dakinhar kienet niezla x-xita u ma setghax jara l-istat tat-triq u dahal go hofra li konsegwenza taghha infaqghet it-tyre u kellha tinbindel. L-ghada  mar u ha ritratt tal-hofra li kien hemm fit-triq u ipprezenta kopja tas-survey. Il-kunsill min-naha tieghu ipprezenta kopja tar-rapport tal-pulizijia u r-ritratti li kien ghaddilhom Pierre Debono. Il-kunsill ikkontesta din it-talba ghax ir-ritratt ma ittiehdx dakinhar tal-incident u ghalhekk ma setghetx tigi stabbilita n-ness. Il-Kunsill Lokali hija responsabbli ghal zammha ta' manutenzjoni u certament li fit-triq jkun hemm toqob bhal dawk li jidhru fir-ritratt mhux accetabbli ghax zgur is-sewwieq qatt ma jista' jarhom meta tkun niezla x-xita u lanqas jekk ittiehed ritratt dakinhar stess tal-incident meta kienet niezla xita ma kienet ser tidher kemm kienet fondat l-hofra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici fil-konfront tal-konvenut Kunsill Lokali u jiddikjara li huwa responsabbli ghad-danni li s-socjeta attrici kienet kostretta thallas bhala assikuratrici tal-vettura JPD-214. Jikkundana lill-

istess kunsill konvenut jhallas is-somma ta' hames mija u hamsin euro (€550), mid-data tal-kawza odjerna[1]. L-ispejjes ghandhom jithalsu mill-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Peress illi ma gietx pprezentata kopja legali tal-ittra ufficjal it-talba ghal-ispejjez tal-istess ittra u l-imghax mid-data tal-ittra ma tistax tintlaqa.